IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.5.2014
COM(2014) 270 final

2014/0143 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra, dwar is-sostituzzjoni tal-Protokoll 3 ta' dak il-Ftehim, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva, bi Protokoll ġdid li, rigward ir-regoli ta' oriġini, jirreferi għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranji

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji[1] (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni") tistabilixxi dispożizzjonijiet dwar l-oriġini ta' prodotti kkummerċjati skont il-Ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti. Kemm l-UE kif ukoll il-Montenegro ffirmaw il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011.

L-UE u l-Montenegro ddepożitaw l-istrumenti ta' aċċettazzjoni tagħhom għand id-depożitarju ta' din il-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012 u fit-2 ta' Lulju 2012, rispettivament. Bħala konsegwenza, f'applikazzjoni tal-Artikolu 10(3) tagħha, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fir-rigward tal-UE u l-Montenegro fl-1 ta' Mejju 2012 u fl-1 ta' Settembru 2012 rispettivament.

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li kull Parti Kontraenti tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li l-Konvenzjoni tiġi applikata b'mod effettiv. Għal dan l-għan, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra[2], għandu jadotta deċiżjoni li tissostitwixxi Protokoll 3 li tikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, bi protokoll ġdid li, fejn jidħlu r-regoli ta' oriġini, jirreferi għall-Konvenzjoni. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-UE fi ħdan il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-Istati Membri tal-UE ġew ikkonsultati dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kumitat tal-Kodiċi Doganali – Taqsima dwar l-Oriġini tat-13 ta' Mejju 2013. Il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ġew ikkonsultati waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma Pan-Ewro-Med tal-14 u l-15 ta' Mejju 2013.

Ma kienx meħtieġ li wieħed jirrikorri għal għarfien espert estern. Iktar minn hekk, ma kienx meħtieġ li wieħed jirrikorri għall-valutazzjoni tal-impatt billi l-adattamenti proposti huma ta' natura teknika u ma jolqtux is-sustanza tal-protokoll fuq ir-regoli dwar l-oriġini li jinsabu fis-seħħ bħalissa.

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-bażi ġuridika għal din id-Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-proposta taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

L-istrument li qed jiġi propost: Deċiżjoni tal-Kunsill.

[1] ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.
[2] ĠU L 108, 29.4.2010, p. 3.

2014/0143 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra, dwar is-sostituzzjoni tal-Protokoll 3 ta' dak il-Ftehim, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva, bi Protokoll ġdid li, rigward ir-regoli ta' oriġini, jirreferi għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranji

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Protokoll 3 tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra[1], minn issa 'l quddiem "il-Ftehim", jikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva, minn issa 'l quddiem "Protokoll 3".

(2) Il-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji[2], minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni" tistabilixxi dispożizzjonijiet dwar l-oriġini ta' prodotti kkummerċjati skont il-Ftehimiet rilevanti konklużi bejn il-Partijiet Kontraenti. Il-Montenegro u l-parteċipanti l-oħra tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fil-Balkani tal-Punent ġew mistiedna jingħaqdu mas-sistema pan-Ewropea ta' akkumulazzjoni djagonali ta' oriġini fl-aġenda ta' Tessaloniki, approvata mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2003. Huma ġew mistiedna jissieħbu mal-Konvenzjoni b'deċiżjoni tal-Konferenza Ministerjali Ewro-Mediterranja ta' Ottubru 2007.

(3) L-UE u l-Montenegro ffirmaw il-Konvenzjoni fil-15 ta' Ġunju 2011.

(4) L-UE u l-Montenegro ddepożitaw l-istrumenti tagħhom ta' aċċettazzjoni għand id-depożitarju tal-Konvenzjoni fis-26 ta' Marzu 2012 u t-2 ta' Lulju 2012, rispettivament. Bħala konsegwenza, f'applikazzjoni tal-Artikolu 10(3) tagħha, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ b'rabta mal-UE u l-Montenegro fl-1 ta' Mejju 2012 u fl-1 ta' Settembru 2012 rispettivament.

(5) L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li kull Parti Kontraenti tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li l-Konvenzjoni tiġi applikata b'mod effettiv. Għal dan l-għan, il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim għandu jadotta deċiżjoni li

[1] ĠU L 108, 29.4.2010, p. 3.
[2] ĠU L 54, 26.2.2013, p. 4.

tissostitwixxi l-Protokoll 3 bi Protokoll ġdid li, rigward ir-regoli ta' oriġini, jirreferi għall-Konvenzjoni.

(6) Konsegwentement, fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, l-Unjoni Ewropea għandha tadotta l-pożizzjoni definita fl-abbozz ta' Deċiżjoni hawn mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra, dwar is-sostituzzjoni tal-Protokoll 3 ta' dak il-Ftehim, dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva, bi Protokoll ġdid li, rigward ir-regoli ta' oriġini, jirreferi għall-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranji, hija stabbilita fl-abbozz ta' Deċiżjoni mehmuż tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Jista' jintlaħaq qbil dwar xi tibdil żgħir fl-abbozz tad-Deċiżjoni mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, mingħajr deċiżjoni ulterjuri mill-Kunsill.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President